16 ta' Diċembru, 1964.

Imħallef:

Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.

Angelo Grech pro. et noe.

*versus*

Salvator Seychell

**Self — Morożità — Dekadenza — Obblikazzjoni "di fare" jew "didare" — Pagament — Art. 1173, 1195 u 1206, Kodiċi Ċivili.**

*Jekk fl-obbligazzjoni "di fare" jew "di dare" jkun ġie stabbilit żmien id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien.*

*Il-pagament għandu jsir lill-kreditur jew lil persuna awtorizzata minnu jew mill-Qorti jew mil-liġi sabiex tirċevieh.*

*Il-pagament magħmul lil persuna mhix awtorizzata jsir validu jekk il-kreditur jibbenefika minnu.*

*Il-pagament li jsir lill-parenti strett ta' persuna nkapaċi meta din ma tkunx provduta b'tutur jew kuratur m'għandux jiġi ritenut null.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi;

Peress illi b'att tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut tal-20 ta' Lulju, 1961, (Dok. A) l-attur Angelo Grech, waqt il-ħajja a' martu Maria Grech, li mietet fit-28 ta' Lulju, 1962, omm l-atturi l-oħra — aħwa Grech — silef lill-konvenut seba' mija u tnax-il lira) bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) li kell-hom jitħallsu bis-sitt xhur b'lura, bid-dekadenza miż-żmien ta' sentejn di fermo mill-ġurnata tal-att, u sentejn di rispetto, fil-

każ li l-konvenut jibqa' morus fil-ħlas ta' żewġ pagamenti tal-istess imgħax;

U peress illi l-konvenut baqa' morus fil-ħlas ta' l-istess imgħax mill-20 ta' Jannar, 1962 'il hawn, u għalhekk għall-iżjed miż-żewġ skadenzi fuq indikati — talbu li (1) il-konvenut jiġi dikjarat dekadut mill-benefiċċju tat-terminu lilu mogħti għar-restituzzjoni tal-kapital ta' seba' mija u tnax-il lira (£712) kif fuq lilu misluf, a kawża ta' l-istess morosità, u (2) għalhekk l-atturi jiġu awtorizzati jesegwixxu l-kuntratt tas-self fuq imsemmi għal ħlas tal-kapital ta' seba' mija u tnax-il lira (£712) u l-imgħax relativ mill-20 ta' Jannar, 1962, sal-20 ta' Jannar, 1964, oltre l-imgħax minn din id-data sal-pagament. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 1964.

Omissis.

Rat a fol. 9 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li wara l-mewt ta' Maria Grech, mart l-attur, li ġrat fit-28 ta' Lulju, 1962 hu ma setax iħallas l-interessi ħlief f'idejn persuna għal dan l-iskop indikata mill-atturi peress li huwa ma jafx kif il-kreditu għandu jiġi diviż bejniethom, u illi huwa pront iħallas l-imgħaxijiet f'idejn il-persuna li tiġi lilu indikata mill-atturi.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti artikolati fiċ-ċitazzjoni u deposti mill-attur Angelo Grech mhumiex kontestati mill-konvenut fl-ebda mod ħlief li hu jippretendi li wara l-mewt ta' Maria Grech ma kienx jaf lil min għandu jħallas fost l-atturi, għax id-debitu kien favur il-komunjoni tal-akkwisti tagħha ma' l-attur Angelo Grech. Jekk fl-obbligazzjoni "di fare" jew "di dare", bħal ma

hija l-obbligazzjoni tal-konvenut għal ħlas tal-interessi, ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien (art. 1173 Kod. Ċiv.). Għalhekk malli skadew l-interessi, u kull meta skadew, il-konvenut kien fl-obbligu li jħallas u kien missu ħa l-passi neċessarji biex iħallashom;

Illi skond il-liġi (art. 1195 id.) il-pagament għandu jsir lill-kreditur jew lill-persuna awtorizzata minnu jew mill-Qorti, jew mil-liġi biex jikkawtela ruħu, li jesiġi riċevuta (art. 1206 id.) u li jara li din ir-riċevuta tkun iffirmata mill-kredituri stess l huma "sui juris" u minn persuna oħra awtorizzata skond il-liġi għal dawk fost il-kredituri li kienu għadhom minuri. Dan però kien japplika kieku l-konvenut ipprova b'xi mod li huwa ried jillibera ruħu fl-iskadenza tat-terminu iżda ma setax minħabba l-impossibilità li jagħmel pagament validu, anki f'dik l-eventwalità, huwa kien imissu, biex jiddisimpenja ruħu, jirrikorri għad-depositu ġudizzjarju kontra kuraturi sa fejn jinteressa l-każ jew jipprovoka sentenza (Giorgi, Obbligazzjoni, Vol. VII para. 70 u 86). Imma l-provi juru mhux biss li l-konvenut naqas li joffri l-pagament imma anzi li meta ġie mitlub iħallas lill-attur Angelo Grech iddikjara li ried jara jissellifx biex ikun jista' jħallas, ċirkostanza li turi li l-vera raġuni hija l-impossibilità finanzjarja jew ir-rifjut tiegħu biex iħallas, speċjalment wara li ġie nterpellat b'itra uffiċjali.

Illi, barra minn dan, skond id-dispożizjoni tal-art. 1195(2) Kod. Ċiv., il-pagament magħmul lill-persuna mhix awtorizzata, ngħidu aħna, kieku, għal dak li jirrigwarda l-minuri, il-konvenut ħallas lil missierhom, isir validu jekk il-kreditur jibbenefika minnhom (Kollez. Vol. XVI, ii, 288). U kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza pubblikata fil-Vol. XVIII, ii, 178 tal-istess Kollezzjoni l-pagament li jsir lill-parenti strett tal-persuna nkapaċi meta ma kunx provduta b'tutur jew kuratur, kif kienu l-minuri f'dan il-każ sakemm missierhom ġie ri-integrat fil-patria portesà, m'għandux jiġi ritenut null. Bejn l-obbligi

kollha li jistgħu jinteressaw din il-kawża jippredomina dak tal-konvenut għall-pagament puntwali, biex il-liġi, li tipproteġġi lil min hu in buona fede, ma sservix ta' mantell għall-evażjoni tad-drittijiet ta' l-istess minuri, speċjalment la d-debitur kellu r-rimedju tad-depositu.

Illi dana kollu huwa rilevanti fil-każ taż-żewġ minuri Doris u Antonio biss. Fil-każ ta' l-atturi l-oħra kollha, li huma kollha kapaċi, iġifieri l-missier Angelo Grech bħala komparteċipi fil-komunjoni, u l-atturi l-oħra maġġorenni sal-konkorrenza tal-kwoti tagħhom fl-eredità ta' ommhom, il-konvenut lanqas ma seta' jakkampa l-protest fuq imsemmi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti takkolji d-domandi tal-atturi bl-ispejjeż kontra l-konvenut.